Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imhallef Dr. Edwina Grima LL.D.

Appell Nru: 363/2015

Il-Pulizja

Spettur Maria Stella Attard

Vs

Rose Mary Baldacchino

Illum 30 ta' Gunju, 2016,

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellata, Rose Mary Baldacchino detentrici tal-karta tal-identita Maltija bin-numru 478188M, akkuzata quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli:

Fil-11 ta' Mejju, 2013 ghall-habta ta' 17:20hrs fi Triq San Pawl, Hal Safi ma triq San Guzepp, Safi:

(1) Waqt li kienet qed issuq vettura Nru: BUS-075 naqset li tieqaf fejn hemm sinjal tat-traffiku li jindika 'STOP' fi Triq San Pawl, Safi.
(2) Waqt li kienet qed issuq jew inkarigata minn vettura Nru. BUS-075 xjentement jew bi traskuragni, zammet, fixkelet jew qatghet il-moghdija jew ma hellietx skaplu ghal modija ta' vettura ohra fl-imsemija triq.
(3) Saqet vettura Nru. BUS-075 b'manjiera bla kont;
(4) Saqet vettura Nru. BUS-075 b'manjiera traskurata.

(5) Volontarjament kisret il-bon ordni u l-paci pubblika b'ghajjat u glied jew b'mod iehor.

(6) Waqt li kienet qed issuq jew kella fil-kontroll taghha vettura Nru. BUS-075 naqset li tobdi minnufih kull ordni, indikazzjonijew sinjal moghti jew maghmul mill-Pulizija ghalbiex jitmexxa t-traffiku jew ghal kull raguni ohra fit-twettiq ta' dmirijiethom.

(7) Kif ukoll naqset li tobdi l-ordnijiet legittimi moghtija lilha mill-pulizija jew ma hallietx jew fixklet lill-pulizija waqt li kienu qed jaghmlu jew jistghu jaghmlu jew jistghu jaghmlu jew billi gabet fix-xejn jew hassret dak li haddiehor kien ghamel skond il-ligi.

(8) Irrifjutat li tghati lill-ufficjal pubbliku, cioe lil PC1498 V. Gatt u lil PC.551 A. Zahra persuni nkarigati minn servizz pubbliku waqt li kienu qed jaghmlu d-dmirijiet taghhom, isimha, kunjomha, fejn toqghod u partikolaritajiet ohra.

(9) Qalet kliem fahxi li jikkonsisti f'dagha fil-pubbliku.

(10) Bi kliem ingurjat u jew heddet jew ghamlet offiza fuq il-persuna ta' PC. 1498 V. Gatt u PC 551 A. Zahra persuni nkarigati skond il-ligi minn servizz pubbliku waqt li kienu jaghmlu jew minhabba li kien ghamlu dan is-servizz jew bil-hsieb li tezzaghhom jew li tinfluwixxi fuqhom kontra l-ligi fl-ezekuzzjoni ta' dak is-servizz.

Rat is-sentenza tal -Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, tat-23 ta' Gunju, 2015, fejn il-Qorti fuq nuqqas ta' provi illiberat lill-imputata.

Rat ir-rikors tal-appell tal-appell tal-Avukat Generali, pprezentat fir-registru ta' din il-Qorti fl-10 ta' Lulju, 2015, fejn talbet lil din l-Onorabbli Qorti sabiex tirriforma s-sentenza appelklata billi filwaqt li tikonferma l-liberatorja tal-akkuzi li jaqaw taht il-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta minhabba biss in-nuqqas ta' jedd ta' appell tal-Avukat Generali (dawk enumerati (7) sa (10)), thassar u tirrevoka s-sentenza appellata fil-bqija u wara li tqis bir-reqqa l-provi f'dan il-kaz kif ukoll il-ligi applikabbli ghaliha, ssib lill-appellata hajta tal-akkuzi enumerati mill-(1) sa (6) kif

migjuba kontriha u tipprosegwi sabiex tinfliggi l-piena xierqa u applikabbli skond il-ligi.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellata esebita mill- prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravji tal-appellant Avukat Generali huma s-segwenti w cioe':-

Illi preliminarjament u ghal kull buon fini jigi dikjarat illi l-esponent appellanti Avukat Generali qed jintavola dan l-appell fid-dawl tal-liberatorja tal-akkuzi kollha ghajr ghall-akkuzi li jinsabu fil-Kodici Kriminali (l-akkuzi (7) sa (10)) u dan minhabba l-fatt li l-Avukat Generali m′ghandu jedd ta′ Appell taht l-artikolu 413(1)(b) tal-Kapitolu 9 fuq nuqqas ta′ provi kif skond l-ewwel Qorti kien il-kaz hawnhekk. Madanakollu l-Avukat Generali fid-dawl ta′ dak dispost fl-artikolu 63 tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta′ Malta u li japplika fir-rigward tal-ewwel sitt akkuzi ghandu l-fakolta li jappella f′kull cirkostanza.

Illi l-ewwel Qorti kienet errata meta ddecidiet li tillibera lill-appellata minhabba l-fatt li l-kwerelanta f′dan il-kaz ma ttelletx tixhed u dan sempliciment minhabba l-fatt li l-persuna li ghamlet ir-rapport u li fil-fatt kienet il-kwerelanta irrizultat li kienet l-istess Rose Mary Baldacchino. Kwindi dan ifisser li dak mistenni mill-proskeuzzjoni mill-ewwel Qorti ma kienx possibli li kien fid-dawl talfatt li rrizulta li kienet l-istess appellata li cemplet l-ghassa u ghamlet ir-rapport rispettiv. Allura ghall-istess raguni l-Qorti kienet errata meta lliberat fuq tali nuqqas. Effettivament il-Qorti kellha tistrieh fuq il-verzjonijiet moghtija mill-pulizija li kienu x-xhieda ewlenija f′dan il-kaz u li meta marru fuq il-post tal-incident raw b′ghajnejhom dak li kien qed jigri u cioe′ t-traffiku kollu li kien ikkagunat mill-appellata bil-vettura taghha kif ukoll l-atteggament taghha maghhom u n-nuqqas ta′ obbedjenza ghall-ordnijiet maghmula mill-pulizija fil-konfront taghha. Kwindi m′hemm assolutament l-ebda dubju li l-ewwel Qorti setghet issib htija fuq l-akkuzi kollha migjuba kontra l-appellata skond

il-provi prodotti mill-prosekuzzjoni li f'ebda mod ma kienu konfliggenti ma xulxin jew inkonsistenti.

Ikkunsidrat,

Illi l-impunjattiva imressqa mill-appellanti Avukat Generali hija wahda limitata ghall-apprezzament tal-provi maghmul mill-Ewwel Qorti u dan meta sabet lill-imputata, u cioe' lill-appellata odjerna, hatja tal-ewwel sitt akkuzi dedotti kontra taghha billi ghandu jedd ghall-appell limitatament ghal dawk l-akkuzi li jaqghu taht id-disposizzjonijiet tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi gie stabbilit b'mod kopjuz fil-gurisprudenza ta' din il-Qorti mal-medda tas-snin illi il-Qorti ta'l-Appell Kriminali ma tirrimpjazzax id-diskrezzjoni fl-apprezzament tal-provi ezercitata mill-Ewwel Qorti izda taghmel apprezzament approfondit ta'l-istess biex tara jekk dik l-Ewwel Qorti kenitx ragjonevoli fil-konkluzzjoni taghha[1]. Huwa biss meta din il-Qorti tasal ghal konkluzjoni li l-Ewwel Qorti, fuq il-provi li kellha quddiemha, ma setatx ragjonevolment tasal ghal konkluzjoni li wasslet ghaliha, allura dik tkun raguni valida u impellenti sabiex din tiddisturba dik id-diskrezzjoni u konkluzjoni.

Illi mill-gravam sottopost ghal gudizzju ta' din il-Qorti mill-Avukat Generali jidher illi l-lanjanza ewlenija tinsab fid-dicitura adoperata fil-motivazzjonijiet misjuba fid-decizjoni impunjata, meta l-Ewwel Qorti qieset illi l-Prosekuzzjoni naqqset milli tressaq l-ahjar prova billi l-kwerelanta u cioe' l-persuna li ghamlet ir-rapport mall-pulizija dwar dan l-incident, ma tressqitx bhala xhud meta kellu jirrizulta illi kienet l-appellata, u cioe' l-imputata, li kienet fil-fatt irrappurtat l-incident lill-pulizija. Dan ifisser fil-fehma ta'l-Avukat Generali illi l-Prosekuzzjoni ma setghet qatt taghmel dak mistenni minnha mill-Ewwel Qorti billi hija ma setatx tobbliga lill-imputata tixhed u ghalhekk ma setatx tressaqha bhala xhud.

---

[1] Ara fost ohrajn Il-Pulizija vs Raymond Psaila et – 12/05/1994; Il-Pulizija vs Amadeo Brincat – 06/06/1994, Il-Pulizija vs Carmelo Schembri – 28/04/1995; Il-pulizija vs Ezzawi Mehemed 03/11/1995

Issa mill-ezami ta'l-atti processwali u mix-xhieda li din il-Qorti kellha okkazzjoni li tisma' jirrizulta illi l-appellata, li kienet qed issuq xarabank fil-jum tal-incident mertu tal-kaz, giet ostakolata milli tkompli fuq ir-rotta taghha minn vettura ohra misjuqa minn persuna tas-sess femminil li ma reditx tregga lura bil-vettura taghha sabiex tiftah it-triq lil din ix-xarabank u minn hawn inqala' disgwid bejniethom. Kien ghalhekk illi l-appellata ikkuntattjat lill-pulizija sabiex titlob l-assistenza taghhom, izda minflok spiccat tiffaccja l-akkuzi odjerni. Jirrizulta ukoll illi l-pulizija fil-kors ta'l-investigazzjoni taghhom lanqas hadu l-isem u l-*particulars* ta' din il-persuna femminili involuta f'dan il-konfront, izda insistiet ma'l-appellata biex tregga lura ix-xarabank taghha sabiex taghti access lill-vetturi li riedu ighaddu mit-triq principali u dan billi hija kienet wieqfa fuq *stop sign*. Minn hawn jidher illi inqala' divverbju ukoll bejn l-appellata u l-pulizija meta hi baqghet tinsisti maghhom illi kellha id-dritt li tghaddi u mhux il-vettura l-ohra li kienet qed tostakolalha ir-rotta taghha. Illi din il-Qorti tistqarr illi minn qari tad-decizjoni impunjata jidher illi dak li wassal lill-Ewwel Qorti sabiex tghaddi ghal liberatorja ta'l-appellata fuq nuqqas ta' provi, kien il-fatt illi din it-terza persuna injota ma ingiebetx tixhed mill-Prosekuzzjoni. Dan johrog mid-dicitura adoperata fis-sentenza impunjata meta l-Ewwel Qorti irreferiet ghal din ix-xhud principali bhala dik il-persuna "li kienet il-kawza ta'l-incident kollu". Kien allura bi zvista illi l-Ewwel Qorti irreferiet ghal din il-persuna bhala "il-persuna li ghamlet ir-rapport" billi fil-fatt jirrizulta illi kienet l-appellata stess li cemplet lill-pulizija titlobhom l-assistenza billi ma setatx tkompli fuq ir-rotta taghha bix-xarabank kagun ta' persuna ohra li ma reditx tizblokkalha it-triq bil-vettura taghha. Illi din il-Qorti allura ma tara xejn x'ticcensura fir-ragjonament li wassal lill-Ewwel Qorti ghad-decizjoni taghha u dan ghaliex kien id-dmir tal-Prosekuzjoni li tressaq l-ahjar prova sabiex taghti stampa cara u kompluta ta' dak li rejalment sehh fil-jum ta' dan is-sinistru stradali minflok tressaq *affidavits* tal-pulizija involuti, li kif jigri bhas-soltu ikunu kollha identici kelma b'kelma ta' dak li ikun hemm imnizzel fir-rapport, u li kif jirrizulta f'dan il-kaz lanqas ma huma attendibbli billi hemm imholli barra bicca importanti minn dan l-incident u l-persuni involuti fih. Allura din il-Qorti ma tarax illi hemm lok ghal varjazzjoni fid-decizjoni impunjata ghajr ghal motivazzjoni

li wasslet lill-Ewwel Qorti ghal liberatorja ta'l-appellata billi erronjament din giet imfassla fuq in-nuqqas ta' produzzjoni ta' persuna li ghamlet ir-rapport meta fil-fatt l-Ewwel Qorti kienet qed tirreferi ghal persuna tas-sess femminili li l-identita taghha baqghet injota u li ma ttressqitx bhala xhud mill-Prosekuzzjoni.

Ghal dawn il-motivi l-aggravvju ta'l-Avukat Generali qed jigi respint u id-decizjoni appellata ikkonfermata.

(ft) Edwina Grima

Imhallef

VERA KOPJA

Franklin Calleja

Deputat Registratur